MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 21/2013

**Carmel Tabone**

**Vs**

**Paul Borg**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba prezentat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu l-attur talab hlas minn ghand il-konvenut fl-ammont ta' tett mija u hamsin Ewro (€350) rapprezentanti hlas ta' grass cutter mibjugh u kkonsenjat lilu fis-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008). Dan bl-imghax minn dik id-data u bl-ispejjes kollha.

Illi l-konvenut irrisponda billi eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148 (b); eccepixxa illi l-azzjoni attrici

hi nfondata fid-dritt u fil-fatt; u illi l-ammont mitlub mhux dovut.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra' t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra l-atti kollha.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum, ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni cioe dik tal preskrizjoni ai termini ta' l-artikolu 2148 (b) .
Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Ikkunsidra.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u li qed tigi deciza b'din is-sentenza hija dik fit-termini ta' l-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili (Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta).

Dan l-artikolu jipprovdi:-

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(a) ………*
*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*

Jidher illi in-negozju de quo sar fis-7 ta' Awissu 2008 (kif jammetti l-attur fl-avviz tieghu).

Ghalhekk l-oneru tal-konvenut illi jiccita l-artikolu u li jipprova t-trapass taz-zmien huwa kompletat.

Wiehed irid issa jindaga jekk l-artikolu citat huwiex applikabbli jew le u f'kaz affermattiv jekk il-preskrizzjoni gietx b'xi mod interrotta, sospiza jew rinunzjata.

Hemm kwistjoni jekk l-merkanzija mibjugha kientx grass cutter jew chain saw. L-attur jghid illi kienet grass cutter u

jinsisti illi l-attur xtara dik il-grass cutter biex jaghmel xoghol li kien gie mqabbad jesegwixxi mill-kunsill lokali ta' l-Ghasri. Fuq l-invoice hemm miktub :- C/saw li hu jghid li mart l-attur tghid li kkopjat ezattament minn fuq l-invoice tas-supplier. Mart l-attur tghid li dak hu l-mod kif jirreferi ghal dak il-mutur is-supplier.

Fl-ahhar tal-kontro ezami l-attur jigi fid-dubbju jekk kienx chain saw jew grass cutter. Mart l-attur hi aktar certa. Ghal-precizjoni dan it-tribunal jinnota illi minkejja l-allegazzjonijiet li saru imkien ma ngabet prova illi l-kliem C-saw fuq l-invoices jirreferu u huwa abbrevjazzjoni ta' chain saw.

Jirrizulta mix-xhieda inkontestata ta' l-attur illi l-konvenut huwa negozjant :- '*Il-konvenut nafu bhala bniedem tan-negozju. Ghandu negozju tal-karozzi u jaghmel hafna xogholijiet. Dik il-grass cutter kont gibtielu skond ma qal hu biex ikun jista jesegwixxi xoghol li kien inkarigat jaghmel mill-Kunsill Lokali ta' l-Ghasri, Ghawdex biex jinqata l-haxix biha.'*

Mart l-attur tiftakar illi l-konvenut kien qal li kien ha xi tender ghal xoghol x'imkien lejn Ta' Pinu u ried dan l-apparat li xtarha, ghalhekk. (Ta' Pinu huwa qrib l-Ghasri u parti miz-zona maghrufa Ta' Pinu taqa' fil-konfini ta' l-Ghasri).

Minn din l-evidenza mhux kontestata anzi sa certu punt ikkonfermata indirettament mid-depozizzjoni tal-konvenut innifsu jitnissel fuq bilanc tajjeb ta' propabilitajiet illi l-konvenut huwa bniedem tal-kummerc. Jirrizulta illi huwa ghandu negozju tal-karozzi (xhieda attur); jahdem bil-minibusses (xhieda konvenut); jaghmel xoghol relatat ma tenders ta' kunsill lokali ( xhieda attur) u huwa bniedem fin-negozju (xhieda attur)

L-artikolu 7 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap XIII tal-ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi *' Kull att ta' kummercjant jitqies li hu att kummercjali, hlief meta minn l-istess att ikun jidher li hu m'ghandux x'jaqsam mal-kummerc*'

Dwar dan l-artikolu gie ritenut illi *"Min hu soltu jahdem mhux b'salarju u taht id-direzzjoni ta' haddiehor u b'materja fornita minn terza persuna jew mill-kommittenti, imma regolarment jassumi li jaghmel opera determinata kontra pagament iffissat in raguni tal-valur ta' l-opra minn qabel, l-imjieg ta' materjal fornit minnu stess u meta x-xoghol ikun jirrikjedi hafna idejn, jimpjega haddiema mieghu u jhallsuhom minn butu u mhux semplici lokatur ta' l-opra imma kottimista li huwa kkunsidrat bhala industrijalist; li jista' jkun kbir jew zghir, imma hu kkunsidrat bhala kummercjant" (Vol. XXXIX, P.II p. 794*

Fis-sentenza Mary Drago vs Giuseppa Bonavia deciza fis-16 ta' Dicembru 1952 (Kummerc) (Vol XXXVI; prt 3, pg 684) gie ribadit illi:-

*' Illi skond il-ligi taghna, "kull att ta' kummercjant jitqies li hu att kummercjali, meta mill-att stess ma jkunx jidher li hu ma ghandux x jaqsam mal-kummerc" (art. 7 Kodici tal-Kummerc);*

*Illi dana huwa l-att ta' kummerc soggettiv, li jippresupponi l-kwalita` ta' kummercjant f'min jaghmlu, il-ghaliex unikament minn din il-kwalita` ta' l-awtur tieghu jidderiva l-prezunzjoni ta' kummercjalita` li tinvestieh, u dana l-att ma ghandux logikament ikun gia` att ta' kummerc, billi f'dak il-kaz kien ikun kummercjali minhabba l-volonta` assoluta tal-legislatur. Mela l-attijiet in generali kompjuti mill-kummercjant, li ma jkunux ga atti oggettivi ta' kummerc, ghandhom per se` l-prezunzjoni tal-kummercjalita` minghajr distinzjoni, jekk dawk l-atti jirreferixxu lir-ram partikolari tal-kummerc ta' min ikun ghamilhom jew lill-kummerc in generali;*
*Illi l-imsemmija presunzjoni ma tillimitax ruhha ghall-kaz meta kummercjant jaghmel operazzjoni ma' kummercjant iehor, imma tapplika wkoll ghall-attijiet maghmulin minn kummercjant minn naha wahda, u minn wiehed li mhux kummercjant min-naha l-ohra. Il-ligi, infatti tghid, "kull att ta' kummercjant", u ma jimpurtahiex mill-kwalia` personal ital-kontroparti;*

*Illi, pero`, l-imsemmija prezunzjoni tista` tigi eskluza. Il-ligi tammetti l-prova kuntrarja; u ghalhekk din il-prezunzjoni*

*ma hix “juris et de jure”, kif hija l-prezunzjoni ta’ kummercjalita` ta’ l-atti obbjettivi. Pero` l-ligi tirrestringi l-prova kuntrarja f’certi limiti, u ghalhekk ma jistax jinghad illi din il-prezunzjoni hija assolutament semplici, jew “juris tantum”. Fid-dottrina nsibuha klassifikata fost dawk il-presunzjonijiet imsejhin “misti”; ghaliex il-prova kuntrarja ma tistax issir hlief b’certi determinate mezzi specifikatament ammessi mil-ligi, u skond il-ligi taghna, l-uniku mezz li bih tista’ ssir il-prova kuntrarja hu l-att stess; irid ikun jirrizulta mill-att stess illi dak l-att huwa estraneu ghall-kummerc, biex tigi eliminate l-presunzjoni tal-kummercjalita` tieghu; diversament il-presunzjoni ma tistax tigi distratta.*

Ukoll fis-sentenza Frank Gabriele noe vs Joeph Grima deciza fis-7 ta’ Marzu 1961 (Prim Awla) ( Vol XXXXV Prt2 Pg 574)
*‘ Illi l-presunzjoni hija li kwalunkwe att ta’ kummercjant huwa att kummercjali, meta mill-att stess ma jkunx jidher li hu ghandu x’jaqsam mal-kummerc (art. 7 Kap 17). Jinghad ukoll fil-ligi li huma ta’ natura kummercjali l-kontroversji relattivi ghall-obbligazzjonijiet u kuntratti bejn kummercjanti, jekk ma jidhirx mill-att innfisu li l-affari hija prettament civili (art. 640(a) Kap. 17). Il-ligi kummercjali fl-art. 5 tindika mbaghad liema huma l-attijiet tal-kummerc;*

*Illi minn dan jitnissel li l-legislatur jikkontempla zewg attijiet, dawk oggettivi u dawk soggettivi, tal-kummerc, li jiddistingwu ruhhum essenzjalment in kwantu l-att oggettiv tal-kummerc jattribwixxi lil kull min jaghmlu professjonalment il-kwalita` ta’ kummercjant, mentri l-attu subjettivi jippresupponu f’min jaghmilhom il-professjoni ta’ kummercjant. Fi kliem iehor, l-atti objettivi huma pogguti fuq disposizzjoni tal-ligi (ara art. 65, 640(b), u 641 tal-Kap 17), li tikkunsidrahom bhala atti tal-kummerc indipendentement mill-iskop taghhom jappartjenix jew le lil xi azjenda kummercjali, mentri l-atti subjettivi huma biss bazati fuq prezunzjoni, l-ghaliex jistghu, fil-fatt, jigu dimostrati li huma kienu estranei ghall-attivita` kummercjali tan-negozjant, u allura ma jibqghux jappartjenu lill-kummerc., izda jigu jaqghu fl-isfera tal-atti civili, u bhala tali jkunu suggetti ghal din l-ahhar ligi*

*msemmija. Il-prezunzjoni, mbaghad, li l-obligazzjonijiet kollha ta' kummercjant ghandhom referenza ghall-kummerc tieghu hija relattiva, ghaliex tista' tigi kombattuta (ara art. 640(a) Kap. 17).'*

Ma jidhrix illi ix-xiri ta' dan il-makkinarju kemm jekk ghall-argument kien chainsaw kif ukoll jekk kien grass cutter, kien ghal xi materja civili, anzi mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur u martu, skond ma zvela maghhom il-konvenut, dan l-apparat kien jinhtieg biex jigi utilizzat ghal skopijiet ta' tender ta' kunsill lokali. Ghalhekk dan it-tribunal jemmen illi x-xiri ta' dan l-apparat kien jikkostitwixxi att soggettiv ta' kummerc.

Fil-kamp tal-preskrizzjoni l-atti ta' kummerc ma jaqghux taht l-artikolu citat mill-konvenut u ma humiex perenti bid-dekors ta' tmintax il-xahar. Il-preskrizzjoni ghal attivitajiet kummercjali hija regolata bl-artikolu 2156 (f) tal-Kap sittax (XVI) tal-ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant peress illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni intentata ma tistax tirnexxi stante illi hija bazata fuq artikolu hazin, meta l-azzjoni odjerna ma taqax taht l-artikolu citat, din l-eccezzjoni ser tigi michuda u dan it-tribunal ma jarax ghalfejn ghandu jindaga jekk xi preskrizzjoni gietx b'xi mod interrotta jew rinunzjata.

Ghaldaqstant in vista tal-premess dan it-tribunal qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bazata fuq il-preskrizzjoni bl-ispejjes kontra tieghu. Jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------